MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 2566/1994/1

**Lino Debono**

**v.**

**Malta Drydocks, Noel Galea, Anthony Sammut u Charles Abdilla**
**bhala u fil-kwalita` taghhom ta' membri tal-"ad hoc" Bord tad-**
**Dixxiplina tal-istess Korporazzjoni u b'digriet tat-22 ta' Awissu 1994 gie kjamat fil-kawza Dennis Azzopardi, u b'digriet tal-31 ta' Mejju 2004 in vista tal-Att XV tal-2003 l-atti gew trasfuzi f'isem is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Finanzi**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell, interpost minn Lino Debono, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali u "konvenzjonali" taghha, fid-29 ta' Jannar 2007. Permezz ta' l-imsemmija sentenza dik il-Qorti, wara li ddikjarat li l-istess Debono ma kellux aktar interess guridiku fl-azzjoni (ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni) minnu inizjata, ghaddiet biex tghid hekk: "Tichad it-talba, spejjez ghar-rikorrent stante li l-interess guridiku, kif gja nghad, irid jissussisti tul l-azzjoni kollha."

**2.** Tajjeb li wiehed jaghti l-isfond, pjuttost mhux tas-soltu, ta' din il-kawza. Permezz ta' rikors presentat fl-allura Qorti tal-Kummerc fid-29 ta' Lulju 1994, Lino Debono talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-*ad hoc* Bord tad-Dixxiplina tal-*Malta Drydock Corporation* biex din tieqaf milli tisma' l-kaz tieghu. Peress li fir-rikors ghall-hrug ta' dan il-mandat ir-rikorrent allega, fost affarijiet ohra, ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq, il-Qorti tal-Kummerc, b'digriet moghti fit-8 ta' Awissu 1994, irriferiet il-"kwistjoni" – li din il-Qorti tara li ma gietx formulata kif suppost mill-Qorti tal-Kummerc – lill-Prim Awla tal-Qorti Civili. Il-kumplament tal-isfond relevanti ghall-finijiet ta' dana l-appell jista' jinghata fi kliem l-istess sentenza li qed tigi appellata:

"Ghalkemm ma hemmx eccezzjoni formali dwar in-nuqqas ta' interess guridiku, l-intimati kienu diga qajmu dina l-kwistjoni kif jirrizulta mill-verbali a fol. 308 u 494. Inoltre l-Qorti tista' tqajjem dina l-eccezzjoni *ex officio* (ara f'dan is-sens is-sentenza App. G. Laferla et vs J. Lauri et 10 ta' Mejju 2005).

"Illi r-rikorrent kien ipprezenta l-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni - li minnu tqajjmet il-kwistjoni kostituzzjonali prezenti (referenza) – biex, in kawtela tad-drittijiet tieghu,

din il-Qorti tinibixxi l-*ad hoc* Bord tad-Dixxplina tal-Malta Drydocks milli jkompli jisma l-kaz tar-rikorrent.

“Illi fil-mori tal-kawza rrizulta li r-rikorrent ma baqax impjegat mal-Korporazzjoni Malta Drydocks (ara fol. 346 xhieda L. Spiteri) billi l-impieg tieghu gie terminat u d-decizjoni giet konfermata mit-Tribunal Industrijali. Illum il-Malta Drydocks bhala korp spiccat u lanqas hemm il-Bord tad-Dixxiplina.

“L-intimati qed jikkontendu li ghalhekk ir-rikorrent tilef kull interess li seta kellu fil-proceduri prezenti.

“Id-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza taghna ta' interess guridiku hija dika tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa "*l'utilita' finale della domanda gudiziale nel tema dell'asserita ezistenza o violazione del diritto".* Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista’ jigi usufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta (Vol LXXVI p2 p 247).

“L-interess irid ikun guridiku cjoe bazat fuq xi dritt pretiz lez tal-atturi. (Ara Vol 37 p3 p889; Vol LXXIV p3 p481; Mattirolo Vol 1 pag. 50; Mortara Vol 11 p 588; Coen Vol 1 para 1 No.2) irid ikun dirett ( meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha) u personali (fis-sens li jirrigwarda l-attur) u jrid ikun konkret jew attwali cjoe jrid johrog minn stat attwali ta’ vjolazzjoni ta’ dritt ( Vol 32 p1 p540; p2 p 257). Ara wkoll sentenza ta' dina l-Qorti Citaz Nru: 1054/95GV Prokuratur Legali Albert Agius Ferrante et vs L-Avukat Dottor Anthony Cremona Barbaro et deciza fit-28 ta' Marzu 1996). L-interess guridiku irid jissussisti matul il-hajja ta’ l-azzjoni ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista’ tissokta (App J. Sammut vs C. Attard 17/2/1993 u Calleja vs Micallef App 1/4/1992).

“Fil-kaz in ezami illum jidher li l-azzjoni tar-rikorrent ma hiex aktar kapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghalih ghar-rigward tat-talba tieghu ghal hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni billi ma ghadx hemm aktar skop li l-intimati

jigu inibiti kif intalab minnu billi hu m'ghadux impjegat ma l-intimati u jekk jezisti xi Bord ta' dixxiplina iehor dan ma jistax jipprocedi kontra tieghu. Ghalhekk l-azzjoni tar-rikorrent ma tistax taghtih ebda rizultat utli f'dan is-sens.

"Ir-rikorrent jista' jargumenta li hu baqghalu interess fl-ezitu ghal lanjanza kostituzzjonali tieghu, avolja hu m'ghadux impjegat mal-intimati.

"Illi r-referenza li kienet saret lill dina l-Qorti fis-sede Kostituzzjonali taghha kienet sabiex dina l-Qorti taghti d-decizjoni fuq il-kwistjoni ta' ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smiegh xieraq (ara fol. 43). Fis-seduta tas-17 ta' Awissu 1994 (ara fol. 47) ir-rikorrent kien spjega li l-ilment tieghu kien dwar tlett nuqqasijiet: (1) li meta tressaq quddiem il-Bord ta' dixxiplina hu ma kienx gie nfurmat b'dak kollu li kien qed jigi akkuzat bih; (2) li ma kienx inghata l-minuti u kollox kien qed isir verbalment; (3) li jekk il-membri ta' l-istess Bord jigbru xi informazzjoni jew jiehdu xi pariri huwa kellu dritt ikun prezenti ghall-kollox relattiv (fol 47). Dan gie kontestat mill-intimati.

"Il-Qorti hi tal-fehma li anke dan l-argument ma jistax iregi. Kwalunkwe dikjarazzjoni li tista' tinghata minn dina l-Qorti dwar jekk kienx hemm, jew kienx ser ikun hemm, ksur o meno tad-dritt ta' smiegh xieraq, ma tista' tkun ta' ebda vantagg jew interess ghar-rikorrent, b'riferenza ghad-domanda tieghu kif imposta biex jigu protetti d-drittijiet u obbligi civili fil-proceduri ta' dixxiplina. Ir-referenza ghad-dikjarazzjoni ta' ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent kienet intiza mhux semplicement biex jottjeni dikjarazzjoni ta' ksur imma bhala premessa u bazi biex jinhareg il mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni biex jitwaqqfu l-proceduri ta' dixxiplina li kienu nbdew kontra tieghu. Id-domanda li saret originarjament lill Qorti kienet biex tiddeciedi jekk kienx hemm lok li jinhareg il-mandat jew le biex izomm il-Bord tad-Dixxiplina milli jipprocedi. Illum pero` ma hemmx aktar skop ghal dik id-dikjarazzjoni billi r-rikorrent m'ghandux impjegat ma' l-intimati u l-mandat ma jistax jinhareg.

"L-interess guridiku irid ikun konkret u mhux ipotetiku u jrid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni b'mod partikolari sal-mument tad-decizjoni. Fil-kaz in ezami ghalkemm ir-rikorrent setgha kellu interess meta beda dawn il-proceduri, meta l-impieg tieghu gie terminat, dana l-interess gie nieqes u ghalhekk il-proceduri ma setghux jissoktaw.

"Finalment ghal kull buon fini kull decizjoni li dina l-Qorti setghet taghti dwar smiegh xieraq ma setghetx tkun limitata ghal episodju izolat li gara meta bdew il-proceduri ta' dixxiplina imma kellhom ikopru l-proceduri intieri, u mhux kif gara f'dana l-kaz fejn dawn il-proceduri gew imwaqqfa meta bdew u llum twaqqfu definittivament.

"In vista ta' dina l-konkluzzjoni l-Qorti m'ghandhiex bzonn li tezamina  l-punti l-ohra in kontestazzjoni.

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi ir-rikorrent m'ghadx ghandu aktar interess fl-azzjoni minnu inizjalata, tichad it-talba.

"Spejjez ghar-rikorrent stante li l-interess giuridiku, kif gja nghad, irid jissusisti tul l-azzjoni kollha."

**<u>L-appell</u>**

**3.** L-appellant Debono ghandu, bazikament, zewg aggravji. L-ewwel wiehed hu fis-sens li l-lanjanza ta' indoli kostituzzjonali "kellha hajja indipendenti u separata mill-proceduri tal-mandat ta' inbizzjoni", u li ma tiddependix mill-interess guridiku li jista' jew ma jistax ikun hemm. It-tieni aggravju hu li "r-referenza ghall-fatt li t-tribunal industrijali ga ddecieda l-meritu tat-tkeccija tal-appellant huwa ghal kollox skorrett billi dik id-decizjoni giet attakkata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili u d-decizjoni ta' dik ic-citazzjoni ghadha pendenti." Ghalhekk l-appellant talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka d-decizjoni tad-29 ta' Jannar 2007 "u b'hekk tiddeciedi l-ordni ta' referenza maghmul lil dik l-Onorabbli Qorti skond il-ligi."

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**4.** Jibda biex jinghad, kif ga accennat fil-bidu ta’ din is-sentenza, li din il-Qorti ma tarax li verament kien hemm xi kwistjoni li kellha tigi riferita lill-Prim Awla tal-Qorti Civili. Biex ikun hemm “kwistjoni” ghall-finijiet tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni (u ghall-finijiet tal-artikolu korrispondenti tal-Kap. 319) irid ikun hemm xi vertenza (il-“kwistjoni” ta’ indoli kostituzzjonali, ossia ta’ allegat ksur ta’ xi disposizzjoni li tiggarantixxi dritt fondamentali) marbuta b’tali mod mal-vertenza principali tal-kawza li qabel ma tigi deciza dik il-vertenza kostituzzjonali l-Qorti (li ma tkunx il-Prim Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali) ma tkunx tista’ tghaddi biex tidderimi l-vertenza principali. Tant hu hekk, infatti, li s-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 46[1] jipprovdi li l-Qorti li ma tkunx il-Prim Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali ghandha tibghat il-“kwistjoni” lill-Prim Awla biex tigi minn din deciza, u wara dik il-Qorti “li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni”. Huwa evidenti, ghalhekk, li minkejja allegazzjoni ta’ ksur ta’ xi dritt fondamentali, jekk dik il-“kwistjoni” ma tkunx tali li timpedixxi lill-Qorti (li ma tkunx il-Prim Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali) milli tibqa’ tisma’ l-kawza u tiddisponi minnha, ma hemmx strettament “kwistjoni” x’tigi riferita lill-Prim Awla permezz ta’ ordni ta’ referenza. Issa, jekk wiehed jara r-rikors tad-29 ta’ Lulju 1994, dan kien rikors ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni. Fost id-diversi ragunijiet moghtija in sostenn tat-talba kien hemm li bl-agir tieghu il-Bord ta’ Dixxiplina kien qed jikser jew addirittura kien kiser id-dritt tar-rikorrent[2] “ghal smigh xieraq, b’konsegwenti dannu irreparabbli ghalih” (ara fol. 3 tal-atti). Jekk il-ksur tad-dritt fondamentali kien diga` sehh, allura ma kienx hemm lok ghal mandat ta’ inibizzjoni izda, se mai, ghal rikors normali ghal rimedju kostituzzjonali; jekk dan il-ksur kien ghadu ma sehhx izda x’aktarx kien ser isehh, allura kullma kellu jsir kien li l-Qorti tilqa’ t-talba ghall-hrug tal-mandat u l-meritu jigi determinat fil-kawza proprja li ssir wara. Thares kif thares lejha, ma kien hemm ebda “kwistjoni” li l-Qorti tal-Kummerc kellha tirreferi lill-Prim Awla skond l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.

[1] U l-istess jipprovdi l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319.
[2] Cioe` tar-rikorrent Debono.

**5.** Mhux hekk biss, izda skond ir-regola 5(1) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qorti, il-Qorti tal-Kummerc kellha, f'"l-ordni li bih il-kwistjoni tigi mibghuta" tnizzel fih "b'mod konciz u car il-fatti u c-cirkostanzi li minnhom il-kwistjoni tinholoq, it-termini ta' dik il-kwistjoni" oltre li tindika d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni allegatament miksura. Jekk wiehed jara d-digriet tal-Qorti tal-Kummerc tat-8 ta' Awissu 1994, hlief ghar-referenza ghad-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni allegatament miksura, ma hemm xejn minn dak rikjest fir-regola 5(1). Jidher ghalhekk li ghal aktar minn tnax-il sena il-Prim Awla tal-Qorti Civili intraprendiet, bil-konnivenza tal-partijiet, *a wild goose chase*, u issa l-appellant, bit-talba kif maghmula fir-rikors ta' appell qed jippretendi li din il-Qorti "tiddeciedi l-ordni ta' referenza" meta dak l-"ordni" anqas biss fih il-minimu rikjest mill-imsemmija regola 5(1), cioe` il-fatti u c-cirkostanzi li minnhom il-kwistjoni inholqot u it-termini ta' dik il-kwistjoni.

**6.** Kwantu ghall-aggravji proprja, dawn huma manifestament infondati. It-tieni aggravju – l-accenn fis-sentenza appellata ghat-Tribunal Industrijali – huwa infondat ghax dak l-accenn li ghamlet l-ewwel Qorti ma incida u ma seta' jincidi b'ebda mod fuq id-decizjoni finali taghha. Kwantu ghall-ewwel aggravju dan ukoll huwa manifestament infondat. Galadarba is-suppost "kwistjoni" skaturiet minn proceduri ghall-hrug ta' mandat ta' inbizzjoni, jekk dak il-mandat ma jista' issa qatt jinhareg, ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza appellata, ma hemm ebda "kwistjoni" x'tigi deciza biex tigi mibghuta lill-"qorti li quddiemha…qamet il-kwistjoni…[biex din] tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni". A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti taghmel referenza ghall-kaz parallel ta' meta appell, li fih tkun tqajmet u giet riferita kwistjoni skond l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319, jigi cedut jew dikjarat dezert – il-kwistjoni tigi wkoll estinta (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tat-18 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Sharon Zammit) v. Nicholas Gatt et***).

**7.** L-unika haga li hija impreciza fis-sentenza appellata hija l-uzu tal-kliem “tichad it-talba” fid-decide, u dan ghar-raguni semplici li, galadarba ma kienx hemm “talba” – kien hemm dak li suppost kien ordni ta’ referenza – ma kien hemm ebda talba x’tigi michuda. L-appellant proprjament anqas qed javanza dana l-aggravju, ghalkemm fil-kors tal-udjenza tat-12 ta’ Marzu 2007 l-abbili difensur tal-appellant accenna ghal din l-imprecisazzjoni u fisser li l-klient tieghu kien ikun sodisfatt jekk ghall-anqas ikun hemm korrezzjoni f’dan is-sens. Din il-Qorti ser tordna l-korrezzjoni mehtiega, filwaqt, pero`, li tosserva li tali korrezzjoni setghet intalbet mill-appellant, bhala parti fil-proceduri quddiem il-Prim Awla, permezz tal-procedura indikata fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 825 tal-Kap. 12, u ma kien hemm bzonn ta’ ebda rikors ta’ appell ghal daqshekk.

**Decide**

**8.** Ghall-motivi premessi, din il-Qorti, filwaqt li thassar dik il-parti tad-decide li tghid “tichad it-talba” u tissostitwixxi ghaliha l-kliem “tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kwistjoni”, tichad l-appell kif maghmul, bl-ispejjez kontra l-appellant. U peress li dana l-appell huwa wkoll wiehed fieragh u vessatorju fis-sens tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellant ihallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------